A.L. 355 ta' l-2002

## ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT
## (KAP. 370)

### Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Eżenzjoni għal Riklami u Prospetti ta' Investiment)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, il-Ministru tal-Finanzi, bil-parir ta' l-Awtorità Maltija għal Servizzi Finanzjarji, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Isem u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Eżenzjoni għal Riklami u Prospetti ta' Investiment), u għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru, 2002.

Tifsira

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"Att" tfisser l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

"awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità kompetenti taħt l-Att;

"Riklam għal Investiment" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att;

"prospett" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att.

Riklami u Prospetti ta' Investiment Eżenti

3. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11 ta' l-Att m'għandhomx japplikaw għal:

(a) xi Riklam jew prospett ta' Investiment maħruġ jew ordnat li jinħareġ:-

(i) mill-Gvern ta' Malta; jew

(ii) mill-Bank Ċentrali ta' Malta; jew

(iii) minn xi organizzazzjoni internazzjonali li l-membri tagħha jinkludu lil Malta; jew

(b) xi Riklam ta' Investiment maħruġ jew ordnat li jinħareġ minn xi persuna li b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att tkun eżenti mill-ħtieġa ta' liċenzja għal servizzi ta' investiment b'dan iżda li r-Riklam ta' Investiment ikollu x'jaqsam ma' l-affarijiet li fir-rigward tagħhom hu eżenti.

(c) xi Riklam ta' Investiment ma[ru; jew ordnat li jin[arc; unikament lil:

(i) detenturi ta' liċenzja; jew

(ii) persuna li n-negozju ordinarju tagħha jinvolvi l-akkwist u d-disponiment ta' strumenti ta' l-istess xorta bħall-istrumenti li magħhom għandu x'jaqsam ir-Riklam ta' Investiment; jew

(iii) persuna li n-negozju ordinarju tagħha jkunu jinvolvi l-akkwist u d-disponiment ta' propjetà ta' l-istess xorta bħall-proprjetà, jew parti sostanzjali tal-propjetà, li magħha għandha x'taqsam l-iskema ta' investiment kollettiv fir-Riklam ta' Investiment; jew

(iv) persuna li bis-saħħa ta' regolament taħt dan l-Att hi eżenti mill-ħtieġa ta' liċenza għal servizzi ta' investiment b'dan iżda li r-Riklam ta' Investiment ikollu x'jaqsam ma' affarijiet li fir-rigward tagħhom ikun eżenti.

Riklami ta' Investiment oħra eżenti.

**4.** Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 11 ta' l-Att m'għandhomx japplikaw għal Riklami ta' Investiment li jkunu f'pubblikazzjoni ppubblikata u ċirkolata prinċipalment barra minn Malta, jew f'xandira bir-radju jew televiżjoni trasmessa prinċipalment biex tinqabad barra minn Malta, kemm -il darba r-Riklam ta' Investiment ma jkunx dirett lejn persuni f'Malta, jew ma jkunx mod ieħor maħsub biex jasal għand persuni f'Malta li ma jkunux persuni li jinkwadraw fir-regolament 3(b) ta' dawn ir-regolamenti.